MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 2101/1998/1

**Id-Direttur tal-Kuntratti**

**vs**

**Cleanwell Services Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Mejju, 2002 fl-ismijiet premess u li tghid hekk:

"Din hija sentenza dwar zewg eccezzjonijiet preliminari: eccezzjoni ta' dezerzjoni tal-kawza u eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza minhabba patt arbitrali.

Ic-citazzjoni tghid illi, wara li kienet saret sejha ghal offerti fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Lulju 1996, is-socjetà konvenuta kienet ghamlet offerta biex taghmel xoghol ta' tindif fl-Isptar San Luqa. Din l-offerta kienet accettata mill-attur b'ittra tal-20 t'Awissu 1997 u ohra tal-21 t'Awissu 1997. Wara, izda, il-konvenuta naqset milli twettaq l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha u, minhabba dan in-nuqqas tal-konvenuta, l-attur kellu jdur fuq oblaturi ohrajn biex jaghtuh is-servizzi illi naqset milli taghti l-konvenuta, u kellu jhallas sitt elef disa' mija u sittin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm6,960.44).

Barra minn hekk, il-konvenuta naqset ukoll milli thares dak li trid il-klawsola tnejn u tletin (32) tal-kundizzjonijiet generali tal-kuntratti mal-gvern ghal xoghlijiet f'Malta, li kienu parti mill-kuntratt bejn il-partijiet. Is-socjetà konvenuta kemm-il darba kienet imsejha biex tirregola ruhha, izda ghalxejn, u ghalhekk wehlet penali ta' ghaxra fil-mija (10%) tal-valur stmat tal-kuntratt; billi dan il-valur kien ta' tmintax-il elf erba' mija u sebgha u erbghin lira (Lm18,447), il-penali hija ta' elf tmien mija u erbgha u erbghin lira u sebghin centezmu (Lm1,844.70).

L-attur ghalhekk fetah din il-kawza u qieghed jitlob illi l-qorti:

1. tghid illi l-konvenuta naqset milli twettaq l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur u thallas ukoll penali ta' ghaxra fil-mija (10%) ta' kemm jiswa l-kuntratt; u

2. tikkundanna lill-konvenuta thallas tmint elef tmien mija u hames liri u ghaxar centezmi (Lm8,805.10), maqsuma hekk: sitt elef disa' mija u sittin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm6,960.44) differenza fil-prezz biex l-attur kiseb minghand haddiehor is-servizz illi ntrabtet illi taghti l-konvenuta; u elf tmien mija u erbgha u erbghin lira u sebghin centezmu (Lm1,844.70) penali talli l-konvenuta naqset milli taghti *performance bond* kif ried il-kuntratt[1].

[1] Fil-fatt is-somma tigi tmint elef tmien mija u hames liri u erbatax-il centezmu (Lm8,805.14)

L-attur talab ukoll l-ispejjez, fosthom dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 1998.

Is-socjetà konvenuta ressqet dawn l-eccezzjonijiet, fost ohrajn:

1. l-azzjoni marret dezerta skond l-art. 963(1), (2) u (5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili billi ghadda aktar miz-zmien perentorju ta' sitt xhur minn meta kienet prezentata c-citazzjoni sakemm is-socjetà konvenuta kienet notifikata u ghalhekk ma nghalqux il-proceduri bil-miktub ta' din il-kawza fiz-zmien li trid il-ligi; u
2. l-azzjoni hija intempestiva u saret hazin ghax skond il-*general conditions of contract for the execution of works in Malta* (klawsola 22), f'kaz ta' differenza ta' opinjoni bejn il-kap tad-dipartiment u l-kuntrattur, "*the dispute shall be referred to a committee composed of the unofficial members of the Contracts Committee, whose decision shall be final*".

Din is-sentenza tallum hija dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

### DWAR L-ECCEZZJONI TA' DEZERZJONI

L-ewwel eccezzjoni trid li l-konvenuta tinheles mill-harsien tal-gudizzju ghax il-kawza ghandha titqies dezerta. Din l-eccezzjoni hija mibnija fuq id-dispoz-izzjonijiet ta' l-art. 963(1), (2) u (5), li jinsabu fit-Titolu XV — *Fuq id-Dezerzjoni tal-Kawzi* — tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

**963.** (1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 416 u 420, il-procedura bil-miktub, f'kull kawza, ghandha tigi maghluqa, fil-qorti ta' l-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiz-zmien perentorju ta' sena.

(2) Fil-qorti ta' l-ewwel grad, iz-zmien jibda ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tac-citazzjoni, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors ta' l-appell ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata.

(3) ... ... ...

(4) ... ... ...

(5) Bla hsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 732, kawza li l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa fiz-zmien hawn fuq imsemmi:

(*a*) meta l-kawza tkun quddiem qorti ta’ l-ewwel grad, din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista ta’ kawzi ghas-smigh u li sussegwentement, b’ordni tal-qorti, tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 964 sa 967 ta’ dan il-Kodici ghandhom ikunu japplikaw ghaliha; u
(*b*) meta l-kawza tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din ghandha titqies bhala kawza dezerta.
Il-jum tal-prezentata tac-citazzjoni kien id-19 t’Ottubru 1998, waqt li l-procedura bil-miktub inghalqet meta kienet prezentata n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta[2] fl-4 ta’ Frar 2000, aktar minn sitt xhur wara. Ghalhekk, tghid il-konvenuta, il-kawza ghandha titqies dezerta skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-art. 965 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.
Skond l-art. 963(5), kawza quddiem qorti ta’ l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub fiha ma jkunux inghalqu fi zmien sitt xhur ma titqiesx dezerta malli jghaddu s-sitt xhur, izda titqieghed fuq il-lista tal-kawzi differiti *sine die* jew sospizi, u jkun wara li jghaddi aktar zmien kif imfisser fl-artt. 964 u 965 li titqies dezerta.

**964.** (1) Jekk f’qorti ta’ gurisdizzjoni civili jkunu jinsabu kawzi ga mressqa ghas-smigh, u, wara, b’ordni tal-qorti, differiti *sine die* jew xort’ohra sospizi u jdumu hekk differiti jew sospizi ghal izjed minn tliet xhur, ir-registratur ghandu fl-ahhar tax-xahar li matulu jkun ghadda z-zmien hawn fuq imsemmi, jaghmel lista taghhom, imsejha "Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti .... (u jdahhal hawn l-isem tal-qorti)" u ghandu jsemmi fiha d-data ta’ l-ahhar digriet jew ordni li bihom kull wahda mill-kawzi tkun giet differita u r-registratur ghandu jippubblika dik il-lista billi jiehu hsieb li tigi mwahhla fid-dahla ta’ l-edifizzju fejn il-qorti toqghod.

(2) Ir-registratur ghandu jaghmel u jippubblika listi separati tal-kawzi hekk pendenti f’kull wahda mill-Qrati Superjuri, jigifieri, fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fil-Qorti ta’ l-Appell u fil-Qorti Kostituzzjonali. Listi bhal dawn ghandhom ukoll isiru u jigu pubblikati mir-registratur fil-kaz ta’ kawzi pendenti quddiem il- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri.

[2] Art. 158(12), Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

(3) Kull lista ghandha ggib id-data tal-pubblikazzjoni taghha, u ghandha tibqa’ mwahhla fil-lok hawn fuq imsemmi ghal mill-inqas xahar minn dik id-data.

**965.** Kull kawza mdahhla fil-lista bhalma jinghad fl-ahhar artikolu qabel dan, titqies dezerta kemm-il darba, fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar gurnata taz-zmien ta’ xahar hawn fuq imsemmi, ma jigux imharsa, skond ma jkun il-kaz, id-disposizzjonijiet li gejjin, jigifieri -

(a) jekk, meta l-kawza tkun giet sospiza … … … minhabba xi difett fil-procedura, ebda wahda mill-partijiet ma taghmel dak li hu mehtieg biex tqieghed il- kawza hekk sospiza fi stat li jista’ jinbeda jew jissokta s-smigh taghha; … … …

Fil-kaz tallum il-kawza ma tqeghditx fuq il-lista msemmija fl-art. 964 u ghalhekk iz-zmien imsemmi fl-art. 965 sabiex issehh id-dezerzjoni ghandu ma bediex ighaddi.

Ghal din ir-raguni l-kawza ma titqiesx dezerta, u l-ewwel eccezzjoni hija michuda.

**Dwar l-Eccezzjoni ta’ Inkompetenza**

L-eccezzjoni l-ohra, ghalkemm tghid illi hi eccezzjoni ta’ intempestività, fil-fatt hija eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza minhabba patt arbitrali, u hija mibnija fuq il-klawsola 22 tal-kundizzjonijiet generali tal-kuntratti:

22. In the event of any difference of opinion arising between The Head of Department and the Contractor, the dispute shall be referred to a committee composed of the unofficial members of the Contracts Committee, whose decision shall be final and binding.

Madankollu, ma hix biss il-klawsola 22 li titkellem dwar kompetenza tal-qorti; hemm ukoll il-klawsola 35 illi tghid hekk:

35. This contract shall be, and be deemed to be, a Maltese contract and shall be governed by and construed according to the laws for the time being in force in Malta. Notwithstanding any other disagreement or claims, the Maltese Courts shall have exclusive juriosdiction to hear and decide on the merits of the matter in dispute.

Barra minn hekk, ma kienx hemm “*difference of opinion*” bejn il-partijiet dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt li setghu jaghtu decizjoni dwarha l-membri mhux ufficjali tal-kumitat tal-kuntratti. Kif turi l-korrispondenza, li gara hu illi l-konvenuta, wara li ntrabtet, xtaqet illi tinhall mill-kuntratt

minghajr ma ggorr il-konsegwenzi, u din it-talba taghha ma ntlaqghetx.
Ghalhekk lanqas l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ma tista' tintlaqa', u hija michuda wkoll.
Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti, wara illi tichad iz-zewg eccezzjonijiet fuq imsemmija, tordna illi jitkompla s-smigh tal-kawza.
L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandha thallashom is-socjetà konvenuta. "

Minn din is-sentenza appellat, wara d-debita awtorizzazzjoni mill-ewwel Qorti, is-socjeta` konvenuta permezz ta' rikors datat 20 ta' Gunju, 2002. Is-socjeta` appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 963(5)(a) tal-Kap. 12. Fi kliem l-istess appellanti:

"Illi l-aggravju soffert mis-socjeta` esponenti huwa car u manifest, u jikkonsisti fil-fatt li effettivament il-kawza kellha titqies bhala li marret dezerta, u dan ghar-raguni li fl-art. 963(5)(a) ta' l-Kap. 12 il-frasi '…, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967…ghandhom ikunu japplikaw' ghandha tigi applikata fis-sens biss li z-zmien ulterjuri kontemplat fl-istess art. 964 sa 967 ghandu jigi mizjud ma' l-perjodu ta' sitt xhur indikat fl-art. 963(5)(a). Altrimenti jekk l-interpretazzjoni tal-Qorti ta' prim' istanza hija dik korretta, dan kien ifisser allura li r-Registratur tal-Qorti huwa obbligat li jsegwi kull kawza li tingieb quddiem qorti ta' l-ewwel grad u, ikun x'ikun il-kaz, iqieghed fuq il-lista msemmija fl-art. 964 kull kawza li l-proceduri bil-miktub ma jkunux ghalqu fi zmien perentorju ta' sitt xhur. Din certament ma setghetx tkun l-intenzjoni tal-legislatur meta gie redatt l-art. 963(5)(a) ta' l-Kap. 12, specjalment meta (a) hawnhekk si tratta ta' disposizzjoni ta' ligi li tikkrea sitwazzjoni artificjali (ad es., meta l-istess disposizzjoni issemmi li l-kawza 'ghandha <u>titqies</u> bhala kawza li b'ordni ta' l-qorti, tkun thalliet ghal data mhux specifikata', u dan f'sitwazzjoni fejn effettivament ma jkunx hemm ordni ta' l-istess qorti), (b) il-qorti stess ma tistax tqajjem *sua sponte* il-kwistjoni tad-dezerzjoni, u (c) fil-fatt, l-eccezzjoni ta' dezerzjoni trid tigi mqajma mill-konvenut stess bhala l-ewwel eccezzjoni preliminari ai termini ta' l-art. 732(2) ta' l-Kap. 12. Fil-fatt is-socjeta` esponenti thoss li jekk l-

interpretazzjoni ta’ ligi li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti hija dik korretta, allura l-istess socjeta` esponenti u kull konvenut iehor f’cirkostanzi simili qed tkun mcahhda mid-drittijiet li l-ligi suppost li taghti kontra kull attur li ma jmexxix bil-ghaqal il-proceduri mibdija minnu, u l-istitut stess ta’ dezerzjoni jkun qieghed jigi stultifikat ghal kollox fil-prattika.”

Ghalkemm din il-Qorti tifhem l-argument car hafna kif imqieghed mis-socjeta` appellanti, u kif sussegwentement elaborat fit-trattazzjoni tal-31 ta’ Ottubru, 2002 mill-abbli difensur taghha, hija ma tistax taqbel ma’ l-appellanti. Dak li donnu qed tinsa, jew li mhux qed tapprezza, is-socjeta` appellanti huwa li f’materja ta’ dezerzjoni – bhal f’kull materja ohra procedurali li b’xi mod tincidi fuq il-validita` ta’ l-atti u proceduri – il-ligi ghandha tigi interpretata b’mod ristrett u b’mod li, sa fejn hu possibbli li legalment hekk isir, jigu salvati l-atti jew il-proceduri. Ghalhekk l-espressjoni “ghandha titqies” fl-Artikolu 963(5)(a) ma tistax tinghata interpretazzjoni aktar wiesa’ minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem qorti ta’ l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghluqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 963, bhala x’hiex “ghandha titqies”? Ir-risposta hija cara: ghandha titqies bhala (**i**) kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista’ ta’ kawzi ghas smigh, u (**ii**) bhala kawza li tkun, b’ordni tal-Qorti, thalliet *sine die*. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni *“shall…be demmed to be”*. Dak li qed tippretendi l-appellanti huwa li tali kawza “ghanda titqies” ukoll li tqeghdet fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 964(1). Tali interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma hix gustifikata. Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita` tal-lista msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta’ l-Artikolu 964 (bil-“pubblikazzjoni” ta’ l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni. Huwa veru li fil-prattika jista’ jkun hemm certu diffikultajiet ghar-registratur sabiex isegwi l-kawzi kollha; pero` fil-verita` anqas kien obbligat li jsegwi il-kawzi, bhal dik in dizamina, bil-mod kif qed tippretendi s-socjeta` appellanti. Dak li kellu jsir f’din il-kawza kien li, jekk il-Prim Awla ma rieditx thalli l-kawza *sine die* kif appena ntebhet bit-trapass tas-sitt xhur, ghall-anqas tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal

dak li jipprovdi l-Artikolu 963(5)(a) imsemmi, u r-registratur kien ikun, f'dak il-kaz, obbligat li jimxi skond il-ligi (billi jsemmi l-kawza fil-"Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti…"). Ghall-finijiet ta' din il-kawza, il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tippronunzja ruhha dwar kif ghadhom jigu komputati jew kalkolati it-tlett xhur imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 964. Sentenza ta' qorti ghandha tillimita ruhha ghal dak li hu strettament necessarju biex tiddetermina l-vertenza li jkollha quddiemha. Ara f`dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Ottubru 2002 fl-ismijiet **Francis Debono vs Carmel Aquilina**. [1]

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Il-Qorti tordna li l-atti jigu rimessi quddiem il-Prim Awla sabiex din tkompli tisma' l-kawza u tiddecidiha skond il-ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Il-Qorti rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Francis Xavier Formosa et vs Carmelo u Doris ahwa Mifsud, izda jidher li din is-sentenza qed tikkwota l-Artikolu 963 (5) kif kien qabel l-emendi introdotti bl-Att IV ta` l-1996.